Kunsill Lokali Fontana

Minuti tas-6 laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar l-Erbgħa, 28 ta' Awwissu 2013 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet f'3.00 pm.

Preżenti għal-laqgħa:

| | | |
|---|---|---|
| | Saviour Borg | Sindku |
| | Carmel Farrugia | Kunsillier |
| | Horace Micallef | Kunsillier |
| | Mario Mercieca | Kunsillier |
| | Amanda Abela | A/Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | Victor Cefai | Viċi-Sindku |

1. **Talba**

   Il-laqgħa bdiet b'talba mis-Sindku Saviour Borg.

2. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 5, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mil-A/Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza mis-Sindku**
   - L-ETC infurmat lill-kunsill li s-Sur Antoine Mercieca, ħaddiem fl-iskema tal-ETC, ser jiġi trasferit fuq talba tiegħu lill-Ministeru għal Għawdex, mingħajr ma ntbgħat xi ħaddieħor minfloku kif talab is-Sindku lis-Sur Guido Zammit tal-ETC– il-Kunsill qabel li ssir talba lill-ETC biex jipprovdu 2 ħaddiema oħra.
   - Bżonn ta' drum tal-*photocopier* li jiswa €347.16, apparti x-xogħol mit-*technicians* biex jitwaħħal – il-Kunsill approva li ssir din l-ispiża.
   - Is-Sindku wera d-disinn tal-*gate* għal-playingfield wara xi emendi – il-Kunsill approva dan id-disinn.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

- Is-Sindku informa lill-preżenti li l-fanali ordnati mingħand il-kuntrattur Richard Cauchi għandhom jaslu f'Settembru għaliex waslu ħażin.
- Saret l-ewwel parti mill-pavimentar fil-Pjazza tal-Għejjun mill-MGOZ, in-naħa ta' l-Għajn il-Kbira, kif kien il-ftehim dwar it-Triq tax-Xlendi
- Is-Sindku qal li x-xita li għamlet il-ġimgħa l-oħra, għamlet xi ħsara bejn il-pavimentar u l-vojt li tħalla bħala "Rock Garden"tat-tieni fażi tal-proġett ta' Wied Siekel. Huwa talab lil Perit Saliba biex jagħmel rapport dwar dan lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jitqabbad is-Sur Joseph Mizzi biex jirranġa l-ħsara li saret.
- Kuntratt tal-*Patching* baqa pendenti. Il-Kunsill qabel li jiċċekja jekk il-garanżija għadiex valida, u jekk nistgħux niġbruha mil-bank. Il-Kunsill se jiddeċiedi fil-laqgħa li jmiss jekk iwaqqax il-kuntratt tal-*patching*.
- Riħa ta' drenaġġ qawwija ħdejn il-Knisja,u fit-Triq l-Isptar San Ġiljan. Horace qal li ġa rrapporta kemm il-darba lid-Dipartiment tad-Dranaġġ u ġew inadfuha.Is-Sindku qal li kellem kemm il-darba lil Brian Borg li hu responsabbli minn dan ix-xogħol u qallu li biex tissolva il-problema trid issir estenzjoni tas-sistema mit-Triq l-Isptar San Ġiljan sa quddiem Triq is-Sajjieda. Bħalissa qed jiġu issiġillati it-tappieri biex ma toħroġx riħa
- Xiri ta' tabelli tat-*toilets* fis-sala tal-komunità.
- Sar xi vandaliżżmu fil-*pots* fit-Triq tal-Għajn 'l isfel mill-knisja . Il-Kunsill iddeċieda li tinġab kwotazzjoni biex dawn il-*pots* isiru tas-siment dekorattiv.
- Is-Sindku qal li hemm xi qasma fil-kantuniera fit-Triq Gaspard Le Marchant – trid timtela bil-qatran u ramel tal-gebel tal-qawwi. Il-Kunsill qabel li jqabbad lil Joe Merciceca biex jagħmel dan ix-xogħol.
- Ilment li l-bankina quddiem propjeta ta' Raymond Zammit fi Triq il-Għajn, kantuniera mal-isqaq ta' Fuq il-Lunzjata hija ta' periklu għal pubbliku. Din ġiet imkissra waqt xogħolijiet li kien qed jagħmel – il-Kunsill qabel biex tintbagħat ittra lill-Raymond Zammit fejn jitlob li titranġa din il-bankina.
- Is-Sindku qal li l-iSports Fest, fuq l-Iskema Sports li se ssir bejn it-18-20 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li jixtri t-tazzi għal-premji.
- Applikazzjoni mill-Gozo Action Group taħt il-Miżura 313 – il-Kunsill qabel li issir applikazzjoni taħt dan il-programm biex isir kisi bil-porfido fit-Triq l-Isqaq tal-Mitħna.
- Is-Sindku u l-kunsillier Horace Micallef attendew għal-laqgħa fl-uffiċċju ta' Transport Malta dwar it-talba tal-kunsill biex ir-rotta ta' l-Arriva għax-Xlendi terġa tibda tgħaddi mill-Fontana. Għal din il-laqgħa attendew wkoll il-membri tal-kunsill tal-Munxar. Din tmexxiet mis-Sur Ruben Said, kap ta' TM f'Għawdex. Sar qbil li dik tal-Munxar titħalla l-istess u ssir waħda ġdida li



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

titlaq mit-Terminus ta' Victoria tgħaddi mil-Fontana, Xlendi u mill-ġdid mill-Fontana

- Laqgħa mal-Ministru tat-Transport, fejn ġiet approvata ir-rotta ġdida tal-Arriva kif kien talab il-Kunsill għal-Fontana. Dan it-tibdil se jsir f' Novembru 2013, b'ħames servizzi fix-Xitwa u tnax fis-sajf. Bir-rotta tal-Munxar ser jinqdew ir-residenti tal-Fontana li joqgħodu fit-toroq li jagħtu għal Triq Santa Duminka. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Ministru l-Onor. Joe Mizzi.
- Il-Kunsill qabel li jinxtraw 2 *rubbish bins* mingħand Mario Mallia li jiswew €160 –il wieħed, wieħed għal quddiem il-knisja u ieħor għal tarf it-triq il-Kappillan Ġużepp Hili.
- Laqgħa tas-Sindki nhar is-27 u 28 ta' Settembru – is-Sindku u l-Viċi Sindku se jattendu.
- Risposta minn TM rigward l-għajdut li Triq ir-Repubblika (l-parti ta' fuq) se tingħalaq għat-traffiku u t-traffiku, bil-konsegwenza li jgħaddi ħafna iktar traffiku mill-Fontana. Is-Sindku qal li l-avukat Jean Paul Grech irċieva ittra minn TM datata 2 ta' Diċembru 2011 li tgħid li TM ma' tafx b'dan il-każ.
- Is-Sindku attenda għal-laqgħa oħra tal-kumitat reġjonali li saret fil-Banca Giuratale. Wara saret laqgħa ma' rappreżentanti mill-*Plant Protection Department*.
- Saret is-sistema tad-drenaġġ għas-Sala tal-Komunità.
- Is-Sindku attenda laqgħa li ġiet organizzata fil-lukanda Kempinski San Lawrenz dwar il-fondi ta' l-Unjoni Ewropea għas-snin 2014-2020. Din ġiet organizzata mis-Segretarju Parlamentari Dr Ian Borg.
- Is-Sindku iltaqa' ma grupp ta' studenti universitarji fejn għaddielhom tagħrif dwar il-Fontana. Din l-informazzjoni se tintuża għal ktieb li ser jinkiteb mis-sezzjoni tal-Kultura fil-MGOŻ.
- Ġew imġedda x-xtieli tal-qsari kollha tat-toroq J.Gaspard Le Merchant u Kardinal Alessandro Franchi. Qed jagħmel dan ix-xogħol Joe Mercieca.
- Ġew approvati mill-Enemalta li jinxtegħlu l-*Floodlights* li saru dan l-aħħar fir-replika ta' l-Għajn tal-Loġoġ, fi Pjazza l-Għejjun.
- Saret ħarġa soċjo-kulturali ta' nofs ta' nhar f'Għawdex, fejn bdiet b'quddiesa fil-Knisja parrokjali taż-Żebbuġ fl-okkażjoni tal-festa. Wara ingħataw kafe u *snack* fil-Każin tal-Banda Santa Marija u ingħata ħin liberu f'Marsalforn. Attendew 24 persuna fosthom is-Sindku u l-kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia.
- Tkompla jitpoġġa l-monument tas-Sajjieda.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

- Dwar l-appell tal-offerta tal-ġebla tal-qawwi, l-għada tal-laqgħa preċidenti, l-avukat Samuel Azzopardi kiteb lil Chris Galea, Segretarju tal-Bord biex din tmur għas-sentenza. Sal-lum il-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta. Il-Kunsill qabel li hekk kif jitlesta it-tqegħid tal-monument tas-sajjieda isir il-*membrane* biex ma ssirx iktar ħsara lil bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku.
- Is-Sindku qal li l-Perit John Saliba għadu ma ħax ħsieb ta' x'permessi hemm bżonn mill-MEPA biex isir ix-xogħol f'Tarf Triq John Gaspard Le Merchant. Dan minkejja li għaddew aktar minn tliet xhur li ġie approvat mill-Kunsill u li s-Sindku ġibidlu l-attenzjoni kemm il-darba.
- Is-Sindku ippropona li ssir ħarġa annwali għal-nofs ta' nhar f'Kemmuna. Din ser issir fil-11 ta' Settembru bir-residenti li jħallsu it-trasport mill-Imġarr għal Kemmuna. Issir ħarġa oħra annwali għan-Notte Bianca f'Malta bil-ħlas ta' €3.00 il-persuna.

4. **<u>Tmiem il-laqgħa</u>**

Il-laqgħa spiċċat fl-4.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 30 ta' Settembru, 2013 fit-3pm.

Amanda Abela
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555